# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

## SEDUTA TAL-15 TA' LULJU, 2021

**Kawża Numru: 8**

**Rik. Ġur. 267/2020 RGM**

**Aaron Camilleri**

**Vs.**

**Easygas Malta Limited**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Aaron Camilleri** ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2020 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

**Dikjarazzjoni dwar l-Oġġett u l-Fatti tal-Kawża**

1. Illi r-rikorrent huwa distributur ta' ċilindri tal-gass petroleum likwefatt (GPL) illi jipprovdi servizz ta' bejgħ bl-imnut anke fuq bażi *door-to-door* ta' ċilindri tal-gass lill-konsumaturi.

2. Illi a tenur tar-Regolament 5A tar-Regolamenti Dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt, konsumatur illi jkun irid jirritorna ċilindru tal-gass ta' 12kg li ma jkunx irid iżomm iżjed huwa intitolat li jirċievi ħlas ta' hmistax-il Ewro (€15) għal tali ċilindru (diment li ma jkollux riċevuta li turi li jkun ħallas prezz ogħla għal tali ċilindru, f'liema każ huwa jkun intitolat li jirċievi tali prezz).

3. Illi hija prattika stabbilita illi d-distributuri tal-gass, bħar-rikorrent, jieħdu huma dawn iċ-ċilindri li jiġu ritornati mill-konsumaturi u jgħaddulhom huma tali ħlas b'dan li mbagħad meta jgħaddu tali ċilindri lill-provditur awtorizzat (Liquigas jew, bħal f'dan il-każ, Easygas) huma jirċievu mingħandu l-ħlas li d-distributur ikun għadda lill-konsumatur bir-rata ta' hmistax-il Ewro (€15) kull ċilindru, kif fuq imsemmi. Naturalment dawn iċ-ċilindri vojta mbagħad jerġgħu jimtlew u jiġu mqassma mill-ġdid.

4. Illi r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu madwar elf u erba' mitt (1,400) ċilindru iswed tal-gass tat-12kg tas-soċjeta' intimata u għalekk huwa intitolat li jitħallas mingħand is-soċjeta' intimata s-somma ta' ħmistax-il Ewro (€15) għal kull wieħed minn dawn iċ-ċilindri;

5. Illi sadanittant ir-rikorrent qiegħed jinkorri danni konsistenti fil-fatt illi tali ċilindri tal-gass qegħdin jokkupaw spazju sostanjali mill-bitħa ossija *yard* illi huwa jikri għall-attivita' tiegħu bħala distributur tal-gass;

## Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri

6. Illi għalkemm ir-rikorrent interpella lis-soċjeta intimata permezz ta' ittra legali datata 13 t'April, 2020 (kopja hawn annessa bħala Dok. 'A') li permezz tagħha għarrafha li huwa ried jirritornalha dawn iċ-cilindri tal-gass purke' li hija tħallsu dak lilu dovut kif fuq imsemmi, is-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;

7. Illi r-rikorrent irid jirritorna dawn iċ-ċilindri tal-gass lis-soċjeta' intimata anke in adempiment mal-obblgi tiegħu u dak li ġie dirett jagħmel mir-Regolatur, pero mhux bla ma jirċievi l-ħlas lilu dovut;

8. Illi sabiex jeżimi ruħu minn kwalsiasi responsabilita r-rikorrent għadda sabiex jiddepożita taħt l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti ċ-ċilindri tal-GPL proprjeta' tas-soċjeta' intimata;

9. Illi fid-dawl tas-suespost ir-rikorrent ma kellu ebda għażla oħra għajr li jirrikorri għal dawn il-proċeduri;

10. Illi r-rikorrent jiddikjara li huwa jaf b' dawn il-fatti personalment;

## Talbiet

Tgħid għalhekk is-soċjeta' intimata, għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

i. Tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija obbligata li tilqa' u tieħu ċ-ċilindri tal-gass kollha proprjeta' tagħha li għandu fil-pussess tiegħu u jrid jirritornalha r-rikorrenti u li l-istess soċjeta' intimata għandha tħallas lir-rikorrent is-somma ta' ħmistax-il Ewro (€15) għal kull ċilindru proprjeta' tas-soċjeta' intimata illi r-rikorrent għandu fil-pussess tiegħu u li huwa jrid u sejjer jikkonsenjalha;

ii. Tillikwida, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, is-somma globali li għanda titħallas mis-soċjeta' intimata lir-rikorrent skond it-talba preċedenti;

iii. Konsegwentement tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent dik is-somma hekk likwidata;

iv. Tiddeċiedi u tiddikjara li b' konsegwenza tal-aġir tas-soċjeta' intimata kif fuq premess, ir-rikorrent sofra u qiegħed isofri danni;

v. Tiddeċiedi u tiddikjara li s-soċjeta' intimata hija responsabbli għad-danni li sofra u qiegħed isofri r-rikorrent;

vi. Tillikwida tali danni hekk sofferti mir-rikorrent, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

vii. Tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lir-rikorrent dik is-somma li tiġi hekk likwidata in linea ta' danni.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk taċ-Ċedola ta' Depożitu li qed tiġi ippreżentata kontestwalment ma' dan ir-Rikors Ġuramentat, kontra s-soċjeta intimata li minn issa hija nġunta in subizzjoni, u b' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lir-rikorrent skond il-Liġi.

Rat ir-**Risposta ta' Easygas Malta Limited** preżentata fil-15 ta' Lulju, 2020, fejn jingħad kif ġej:

## A. Eċċezzjonijiet

1. Preliminarjament, it-talbiet attriċi huma intempestivi għall-aħħar u dana peress li s-soċjetà intimata kienet qiegħda tikkomunika mal-attur dwar din il-kwistjoni, u ma kienet ġiet qatt interpellata b'mod uffiċjali qabel ma ġiet notifikata b'dan ir-rikors ġuramentat;

2. In kwantu dak relatat mal-ewwel tliet (3) talbiet attriċi, is-soċjetà intimata sejra tirrimetti ruħha għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti wara illi hija teżamina l-fatti kollha mressqa;

3. It-talbiet attriċi rimanenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għalhekk għandhom jiġu miċħuda fl-intier tagħhom, u dana billi l-attur ma sofra ebda danni kif allegat minnu;

4. Illi bla preġudizzju għas-suespost, s-soċjetà intimata ma għandha qatt tinsab responsabbli għal kwalunkwe danni sofferti mill-attur;

5. Illi l-aġir tas-soċjetà intimata fil-konfront tal-attur kien kundizzjonijiet mid-direzzjoni u struzzjonijiet, jew nuqqas ta', mir-Regolatur għas-Servizzi tad-Dawl u l-Ilma ('REWS'), u dan kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża;

6. Illi għalhekk, huwa r-Regolatur għas-Servizzi tad-Dawl u l-Ilma ('REWS') li għandu jwieġeb għal kwalunkwe talba għad-danni allegatament sofferti mill-attur;

7. Salv kull eċċezzjoni oħra skont il-liġi;

Bl-ispejjeż.

**B. Il-Fatti**

1. Illi fir-rigward tal-oġġett u l-fatti tal-kawża kif kontenuti fir-rikors ġuramentat, is-soċjetà intimata m'għandhiex x'tikkummenta;

2. Illi bl-istess mod, is-soċjetà intimata ma hix ser tikkummenta dwar dak li xehed l-attur Aaron Camilleri permezz tal-affidavit tiegħu sa fejn dan jispjega b'mod ġust u xieraq il-*modus operandi* tad-distribuzzjoni tal-gass *petroleum* likwefatt ('ĠPL') f'Malta;

3. Illi s-soċjetà intimata tirrileva illi l-attur mhuwiex korrett meta jitkellem dwar il-proprjetà taċ-ċilindri. It-titolu ta' dawn iċ-ċilindri huwa l-mertu ta' kawża ċivili fl-ismijiet Liquigas Malta Ltd -vs- Easygas Malta Ltd, liema kawża tinsab pendenti l-Qorti tal-Appell Superjuri (Ref Nru 207/2011/1). Is-soċjetà intimata tikkontendi illi d-detentur ta' ċilindru huwa ukoll is-sid tiegħu.

4. Illi permezz tal-Avviż Legali Numru 465 tal-2011 bl-isem 'Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt', is-sid ta' ċilindru tal-GPL (Gass Petroleum Likkwifikat) ġie deskritt bħala:

*"kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fi ħdan l-Unjoni Ewropea, li tkun leġittimament detentur ta' ċertifikati ta' valutazzjoni ta' konformità ta' ċilindru tal-GPL u li jkun oriġinarjament qiegħed tali ċilindru fis-suq*

5. Illi mhuwiex minnu illi s-soċjetà intimata rrifjutat ir-ritorn taċ-ċilindri mingħand ir-rikorrent. Is-soċjetà intimata dejjem kienet lesta li taċċetta r-rifużjoni taċ-ċilindri, u dan kif jista' jiġi kkonfermat anke mill-korrispondenza ta' bejn il-partijiet.

6. Illi l-kwistjoni nqalgħet meta r-rikorrent kien qiegħed jinsisti fuq il-ħlas ta' ħmistax-il Ewro (€15) għal kull ċilindru ritornat minnu ai termini tal-Art 5A(4) tal-Liġi Sussidjarja 545.20. Hawnhekk is-soċjetà intimata

nfurmat lir-rikorrent illi hija kienet talbet, anke bil-miktub, għal direzzjoni mingħand ir-Regolatur għas-Servizzi tad-Dawl u Ilma (REWS) dwar dan il-provvediment, liema direzzjoni sfortunatament baqgħet ma waslet qatt.

7. Illi r-raġuni li ntalbet direzzjoni mingħand ir-Regolatur hija minħabba l-fatt illi s-soċjetà intimata għandha pretensjoni identika għal dik tar-rikorrent fil-konfront tagħha, iżda għal valur ferm ogħla, kontra s-soċjetà Liquigas Malta Ltd, li għadha sal-ġurnata preżenti tirrifjuta li wtħallas lis-soċjetà intimata l-ammont ta' ħmistax-il Ewro (€15) għal kull ċilindru proprjetà tagħha ritornat lilha;

8. Illi s-soċjetà intimata kemm-il darba nfurmat lir-rikorrent illi hija kienet qiegħda tistenna għal direzzjoni mingħand REWS dwar kif għandu jiġi interpretat l-Art 5A(4) tal-L.S. 545.20;

9. Illi peress illi din id-direzzjoni baqgħet qatt ma ngħatat, is-soċjetà intimata kienet hi ukoll kostretta illi tieħu passi ġudizzjarji fil-konfront tas-soċjetà Liquigas Malta Ltd (Ref. Nru 461/2020) b'talba kważi-identika għal dik odjerna;

10. Illi filwaqt illi s-soċjetà intimata ser tkun qiegħda tirrimetti ruħha għat-talbiet attriċi in kwantu dawn huma marbuta mal-ħlas għaċ-ċilindri rritornati mill-attur lilha, hija tikkontendi illi m'għandha qatt tkun responsabbli għad-danni allegatament sofferti mill-attur, u dan għaliex qabel xejn l-attur ma sofra ebda danni u li, fi kwalunkwe każ, għandu jkun ir-Regolatur li jinsab responsabbli għat-tali danni u dana billi l-istess Regolatur naqas milli jagħti lis-soċjetà intimata d-direzzjoni neċessarja sabiex jiġu evitati dawn il-proċeduri legali;

11. Illi għal dan il-għan, is-soċjetà intimata ser tkun qiegħda titlob illi r-Regolatur għas-Servizzi tad-Dawl u l-Ilma jiġi kjamat fil-kawża sabiex iwieġeb hu ukoll għal dawn it-talbiet attriċi.

Semgħat il-provi;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fl-udjenza tat-13 ta' Mejju 2021 il-partijiet iddikjaraw illi dwar l-ewwel tlett talbiet attriċi m'għandhomx aktar provi.

Rat illi l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza dwar l-ewwel tlett talbiet attriċi.

Ikkonsidrat;

**Fatti Anteċedenti l-Kawża**.

L-attur huwa distributur taċ-ċilindri tal-ġass petroleum likwefatt (GPL) inkluz bejgħ door-to-door lill-konsumaturi domestiċi. Meta konsumatur ikun jixtieq jirritorna ċilindru tal-gass ta' 12kg, huwa jgħaddih lid-distributur u dan jagħtih is-somma ta' ħmistax-il ewro (€15). Id-distriburi għandhom l-obbligu illi jirtiraw iċ-ċilindri mingħand il-konsumatur irrispettivament jekk iċ-ċilindru jkunx ta' Liquigas jew ta' Easygas. Id-distributur jgħaddi ċ-ċilindri lil Liquigas jew lil Easygas skond lil min miż-żewġ kumpaniji iċ-ċilindru jkun jappartjeni u jirċevi kif ingħad €15 għal kull ċilindru.

L-attur għandu fil-pussess tiegħu elf u erba' mitt (1,400) ċilindru tas-soċjeta' konvenuta li bil-€15-il wieħed ifisser illi s-soċjeta' konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000). Is-soċjeta' konvenuta dan ma tinnegaħx tant illi fit-tieni eċċezzjoni tagħha dwar dawn l-ewwel tlett talbiet attriċi tirrimetti ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti, f'kuntest ġudizzjarju tali dikjarazzjoni hija normalment meqjusa bħala non opposizzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**.

Għalkemm is-soċjeta' konvenuta tressaq l-eċċezzjoni preliminari li l-azzjoni hija intempestiva għaliex kienu qed isiru xi diskussjonijet u għaliex ma ġietx interpellata b'mod uffiċjali qabel ġiet intavolata l-kawża odjerna; il-Qorti tqis illi tali eċċezzjoni ma hiex fondata in kwantu s-soċjeta' konvenuta baqgħet sallum ma ħallsitx l-ammont reklamat.

In-nuqqas ta' interpellazzjoni uffiċjali bl-ebda mod ma kien ta' preġudizzju għas-soċjeta' konvenuta. Kienet tkun eċċezzjoni fondata kieku man-notifikat tar-rikors ġuramentat hija ħallset l-ammont reklamat; għaliex t'tali eventwalita' kien ikun fid-diskrezzjoni tal-Qorti li takkolla l-ispejjeż lis-soċjeta' attriċi. Dan pero' ma seħħx u għalhekk il-Qorti ma tqisx illi l-azzjoni attriċi hija intempestiva u konsegwentement qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' konvenuta.

Ġie sodisfaċentement ippruvat illi l-attur għandu f'idejh 1,400 ċilindru tal-ġass tas-soċjeta' konvenuta u li sallum is-soċjeta' konvenuta qed tirrifjuta li tħallas is-somma ta' €15 għal kull ċilindru. Twaħħal fir-regolatur għas-servizzi tad-Dawl u l-Ilma u ssemmi li hemm kawża pendenti bejnha u bejn is-soċjeta' Liquigas Malta Ltd dwar tali ħlasijiet. Tgħid illi ma ħallsitx lill-attur għaliex għadha qed tistenna direzzjoni mir-Regolatur.

Mix-xhieda ta' Marjohn Abela, CEO tar-Regolatur għas-Servizzi tad-Dawl u l-Ilma (REWS) joħroġ illi hemm disgwid bejn iż-żewġ distributuri prinċipali u ċioe' bejn is-soċjeta' konvenuta Easygas Malta Limited u s-soċjeta' Liquigas Malta Limited dwar liema hemm kawża pendenti.

Tenut kont illi hemm kawża pendenti l-Qorti bl-ebda mod ma hi ser tikkummenta dwar id-disgwid li hemm bejn dawk iż-żewġ distributuri; sew għaliex hemm kawża pendenti bejniethom dwar din il-materja kif ukoll għaliex strettament il-kwistjoni ta' bejniethom ma hiex rilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna.

Peress li s-soċjeta' konvenuta għadha sallum tirrifjuta li tħallas lill-attur l-ammont fuq imsemmi;  l-attur għadda sabiex iddepożita ċ-ċilindri imsemmija taħt l-awtorita' tal-Qorti permezz ta' ċedola numru 531/2020[1].

Ikkunsidrat;

**Artikolu 5A tal-Liġi Sussidjarja 545.20 -  Regolamenti  dwar is-suq tal-Gass Petroleum Likwefatt** jipprovdi illi:

*5A. (4) Provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa GPL jista' jeħtieġ lil klijent aħħari jagħmel depożitu bħala garanzija għat-treġġigih lura ta`- ċilindru li jista' jinġarr u li jkun kkonsenjat lil dak il-klijent aħħari. L-ammont ta' dak id-depożitu għandu mill-inqas ikun ta' għaxar euro (€10) għal kull ċilindru kkonsenjat lil klijent aħħari. Il-provditur awtorizzat hawn qabel imsemmi għandu jirrifondi lill-klijent aħħari jew lil kull persuna oħra li tkun qegħda tagħmilha minfloku, l-ammont depożitat malli jitreġġa' lura b'mod permanenti għall-finijiet ta' restituzzjoni ċ-ċilindru li jista' jinġarr imsemmi fis-subregolament (1) jew dak l-ammont ogħla li jidher meta klijent aħħari jkollu riċevuta li tkun turi dak l-ammont ogħla, inkluż meta dawk l-irċevuti jkunu nħarġu lil klijenti aħħarin qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament: Iżda klijenti aħħarin li ma jkollhomx riċevuta kif hawn qabel imsemmi għandhom jingħataw lura mill-provditur awtorizzat li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru li jista' jinġarr ammont ta' ħames euro (€5) għat-treġġigħ lura permanenti ta' ċilindru li jista' jinġarr li kien kkonsenjat lil dak il-klijent aħħari: Iżda wkoll id-depożitu bħala garanzija għall-restituzzjoni ta' ċilindru li jista' jinġarr ta' kapaċità ta' tnax-il kilogramma mogħti lill-klijent aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu, għandu fil-każijiet kollha jkun ta' ħmistax-il euro (€15) u rrifużjoni ta' dak id-depożitu għandha tkun ukoll ta' ħmistax-il euro (€15) meta klijent aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu, ma jkunx fil-pussess ta' riċevuta. Fil-każ li klijent aħħari jkun fil-pussess ta' riċevuta li tindika ammont ogħla minn ]mistax-il euro (€15), allura dak il-klijent*

[1] Fol. 29

*aħħari, jew kull persuna oħra li taġixxi f'ismu, għandhom jiġu rimborsati dak l-ammont akbar. L-effetti ta' dan il-proviso għandhom japplikaw għal ċilindri li jistgħu jinġarru li jitreġġgħu lura għall-finijiet ta' restituzzjoni wara d-29 April 2016, irrispettivament mid-data, qabel jew wara dik id-data, meta ċ-ċilindru li jista' jinġarr kien ġie kkonsenjat lill-klijent aħħari.*

*(5) Id-depożitu msemmi fis-subregolament (4) jista' jsir mill-klijent aħħari sew direttament lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa GPL jew indirettament permezz ta' provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex ibigħ bl-imnut GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru.*

*Omissis*

*(7) Il-klijent aħħari jista' jreġġa' lura b'mod permanenti ċ-ċilindru li jista' jinġarr għall-finijiet ta' restituzzjoni lill-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa l-GPL u li jkun kkonsenja ċ-ċilindru li jista' jinġarr lill-klijent aħħari permezz ta' provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mir-Regolatur biex ibigħ bl-imnut il-GPL, inkluż il-bejgħ bl-imnut ta' ċilindri mimlija bil-GPL li jistgħu jinġarru.*

*(8) Xejn f'dawn ir-regolamenti m'għandu jaffettwa d-drittijiet ta' proprjetà tal-provditur awtorizzat li jkun awtorizzat mirRegolatur biex jimporta u, jew ibigħ bl-ingrossa l-GPL u li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru tal-GPL.*

*(9) Iċ-ċilindri għandhom jiġu mmarkati b'mod li ma jitħassarx hekk li jkunu mill-inqas juru isem is-sid taċ-ċilindru tal-GPL u kull ma jkun aktar meħtieġ taħt kull liġi oħra.*

Qari ta' dawn ir-regolamenti ma jħalli l-ebda dubju dwar x'inhi l-posizzjoni legali ta' bejn il-partijiet f'dak li jirrigwarda ir-ritorn ta' ċilindri vojta lis-soċjeta' konvenuta u l-ħlas relattiv lill-attur. Ma hemmx dubju illi s-soċjeta' konvenuta għandha l-obbligu statutorju illi tirċevi mingħand l-attur iċ-ċilindri proprjeta' tagħha kif ukoll tħallsu s-somma ta' €15 għal kull ċilindru.

Effettivament dan huwa indirettament ammess mis-soċjeta' konvenuta u jibqa' xi ftit jew wisq neboluż ir-raġuni għaliex ma kenitx lesta tħallas lill-attur l-ammont dovut skond ir-regolamenti fuq ċitati.

L-attur jikkontendi illi s-soċjeta' konvenuta irrifjutat li tirċevi lura mingħandu ċ-ċilindri proprjeta' tagħha; filwaqt li s-soċjeta' konvenuta tikkontendi illi hija kienet dejjem lesta li tirċevihom lura pero' ma kenitx lesta li tħallas lill-attur qabel ma tkun solviet il-problemi li għandha mal-kompetitur tagħha li ma hux l-attur. L-attur spiċċa sabiex iddepożita dawn iċ-ċilindri taħt l-awtorita' tal-Qorti. Il-Qorti qed tiddeċiedi illi s-soċjeta' attriċi għandha l-obbligu sew li tirċevi mingħand l-attur iċ-ċilindri tagħha kif ukoll li tħallsu s-somma ta' €15 għal kull ċilindru ritornat.

Tqis għalhekk illi l-ewwel tlett talbiet huma ġustifikati.

Apparti l-ewwel tlett talbiet attriċi li qed jiġu deċiżi bil-preżenti, jifdal talbiet attriċi oħra dwar allegati danni li f'dan l-istadju ser jibqgħu impreġudikati.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-ewwel tlett talbiet attriċi billi prevja li tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta enumerati bin-numri wiehed (1) u tnejn (2), tilqa' l-ewwel tlett talbiet attriċi,

1. Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija obbligata li tilqa' u tieħu ċ-ċilindri tal-gass kollha proprjeta' tagħha li għandu fil-pussess tiegħu u jrid jirritornalha l-attur ammontanti għal 1,400 ċilindru;

2. Tiddikjara li l-istess soċjeta' konvenuta għandha tħallas lill-attur is-somma ta' ħmistax-il Ewro (€15) għal kull ċilindru proprjeta' tas-soċjeta' konvenuta illi l-attur għandu fil-pussess tiegħu u li huwa jrid

jikkonsenjalha; għalhekk tawtorizża lis-soċjeta' konvenuta tirtira l-imsemmija 1,400 ċilindru li kienu ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti;

3. Tillikwida s-somma dovuta mis-soċjeta' konvenuta lill-attur fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000);

4. Tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lill-attur is-somma ta' wieħed u għoxrin elf ewro (€21,000);

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza in parte a karigu tas-soċjeta' konvenuta.

Moqrija

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
15 ta' Lulju 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**